Verżjoni Elettronika

A.L. 101 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Marzu, 2020.

Sospensjoni ta' avvenimenti organizzati.

2. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna s-sospensjoni ta' avvenimenti organizzati, inkluż l-avvenimenti kollha kulturali, rikrejazzjonali, ta' divertiment, sportivi u reliġjużi, u esebizzjonijiet f'postijiet pubbliċi jew privati, u din is-sospensjoni għandha tapplika ukoll għall-avvenimenti u l-esebizzjonijiet kollha organizzati ġewwa postijiet soġġetti għall-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku. L.S. 465. 21.